**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs**

**Sandro Lo Presti**

**Kumpilazzjoni numru 506/2018**

**Illum 16 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Sandro Lo Presti** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 20453(A) billi huwa akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Awwissu 2018, ghal habta ta' nofs il-lejl u kwart (00:15) gewwa Triq is-Sajjied , San Pawl il-Bahar:

1. Ikkommetta serq aggravat ta' ghodod ta' kostruzzjoni minn gewwa vettura bin- numru ta' registrazzjoni LGV-209 ghad-dannu ta' Gary Faenza, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 263, 267, 270 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja hekk kif impost lilu nhar il-21 ta' Mejju 2018 minn Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Neville

Camilleri, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tqis lil Sandro Lo Presti bhala recidiv u dan ai termini tal-Artikoliu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-

kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkustanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt.*

*Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

Saru sottomissjonijiet mill-partijiet.

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Rigward l-ewwel akkuza mhux issibu hati li s-serq kien aggravat bil-mezz izda kien biss bil-valur, bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa u

dan ghaliex kif iddikjara l-parte civile stess fil-vettura ma kienx hemm hsara biex l-imputat fetahha.

Artikolu 21 tal-Kap 9 jipprovdi:

> **"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 492, il-qorti tista', ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7."**

Il-Qorti hi konxja li skond dan l-artikolu, irid ikun hemm aktar minn raguni wahda, dawn ir-ragunijiet iridu jkunu specjali u straordinarji u r-ragunijiet iridu jissemmew bir-reqqa fis-sentenza kif se taghmel.

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Duranovic Coreschi** deċiż fl-14 ta' Settembru 2011: **"Meħud kollox in konsiderazzjoni, u wara li din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-mod kif għandha tittratta ma' l-appellant, waslet għall-konklużjoni li, anke fl-interess suprem tas-soċjeta`, l-appellant għandu jingħata l-aħħar opportunita` sabiex jeħles darba għal dejjem mill-vizzju tad-droga."**

Il-Qorti taghmel referenza ghal Il-**Gmiel tar-Riabilitazzjoni**[2]:

---

[2] L-Isqof Mario Grech nhar Il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2017 f'B'Bugia

*Min minna ma jagħmilx xi żball fil-ħajja? Anzi, xi darba tant nagħmlu żbalji koroh li mhux biss ikun diffiċli li xi ħadd jaħfrilna, imma lanqas naħfru lilna nfusna. Jgħaddu s-snin u nibqgħu nġorru din l-għoqda fl-istonku tagħna sakemm insibu l-okkażjoni li xi ħadd jgħinna nerġgħu nqumu fuq saqajna – sakemm niltaqgħu ma' xi ħadd u jerġa' jirriabilitana.*

*[...]*

*Kemm għandna bżonn noffru dejjem aktar lil min jiżbalja l-opportunità li jerġa' jirriabilita ruħu! Fil-familji, fis-soċjetà kif ukoll fil-Knisja hemm wisq individwi li ġew imqiegħda fil-ġenb minħabba xi għemil żbaljat tagħhom. Ħafna drabi l-qorti tal-poplu tagħti s-sentenza tal-kundanna, imma mbagħad ma tammettix appell!*

*Persuni bħal dawn qed jitkarrbu biex jerġgħu jiġu rriabilitati. Mhux qed ngħid li l-ħażin nibdew ngħidulu tajjeb. Żball jibqa' żball; imma persuna li tagħmel l-iżball għandha dejjem tingħata l-possibbiltà li jekk trid u jiddispjaċiha tal-iżball li tkun għamlet, hija ssib l-għajnuna biex terġa' tqum fuq riġlejha u terġa' tibda tikteb paġna ġdida fl-istorja tagħha u tal-familja tagħha.*

*Inħoss li s-soċjetà tagħna għadha ma temminx biżżejjed fil-qawwa tal-proċess tar-riabilitazzjoni. Ikun ħafna aħjar li s-soċjetà, anki jekk b'ħafna tbatija, tirkupra wieħed mill-membri tagħha li jkun żbalja u tgawdi mill-ħiliet varji tiegħu, milli biex tissodisfa s-sens ta' vendetta, tiskarta u tarmi. Aħjar nirriskjaw li dak li jkun nagħtuh il-*

*fiduċja u jerġa'jagħmilhielna, milli nagħlqu l-bieb għal kulħadd, anki għal nies ġenwini li jiżbaljaw u jixtiequ jitwieldu mill-ġdid!*

Dwar il-flagell tad-droga tkellem Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lil dawk li ħadu sehem fil-31 edizjoni tal-***"International Drug Enforcement Conference"*** nhar il- Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2014.

*Il-flagell tad-droga qed ikompli jinxtered f'forom u f'dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi fruntieri nazzjonali u kontinentali. U b'hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti. Quddiem fenomenu bħal dan, inħoss il-ħtieġa li nuri n-niket u l-preokkupazzjoni tiegħi.*

*Irrid ngħid b'mod ċar ħafna li d-droga ma tintrebaħx bid-droga! Id-droga hi xi ħaġa ħażina, u fejn hemm dak li hu ħażin la tista' ċċedi u lanqas tagħmel kompromessi.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca fil-gradwazzjoni tal-Caritas fit-23 ta' Gunju 2017 fejn ghaxar persuni li ghelbu l-abbuz tad-droga.

**Il-President appellat lill-awtoritajiet, *"biex lil dawn l-għeżież gradwati tagħna llum, u ta' qabilhom, jkomplu jagħtuhom l-appoġġ li għandhom bżonn."***

**Appellat ukoll, biex issa li se jibdew triqithom, jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn, biex jiksbu d-dinjità sħiħa tagħhom.**

**Il-President qalet li filwaqt li huwa importanti li nirrikonoxxu t-tant u tant bidliet għall-aħjar li l-awtoritajiet diversi tagħna għamlu, fil-liġijiet u fil-policies matul is-snin biex nagħtu aktar support lil dawk li jirrijabilitaw ruħhom mill-vizzju tad-droga, *"jinħtieġ li ma nieqfux hawn, iżda nkomplu ntejbu kemm il-liġijiet, kif ukoll il-policies tagħna, biex dawn l-għeżież ħutna u uliedna, jkunu f'qagħda li jilqgħu għall-isfidi u r-realtajiet tal-ħajja."***

**Bħala eżempju, l-President semmiet diffikultà kbira li ħafna jsibu meta jkollhom każijiet pendenti fil-Qorti wara li jkunu spiċċaw il-programm. Hawn, il-President appellat lill-awtoritajiet tagħna biex jindirizzaw din id-diffikultà, *"għaliex għandna sitwazzjonijiet li wħud minn dawn ħutna u uliedna, wara li jkunu spiċċaw il-programm, jibqagħlhom każijiet pendenti għax il-Qorti ma titrattax il-każijiet flimkien, u wħud minnhom saħansitra anke jispiċċaw il-ħabs wara li jkunu irrijabilitaw ruħhom fis-soċjetà."***

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika fil-11 ta' Lulju 2014 waqt gradwazzjoni ohra tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna, għad-dulur li ġġib il-ħajja fid-droga".*

Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma lill-*Parte Civile* Gary Faienza jiddikjara illi l-oggetti kollha misruqa kienu rkuprati u huwa kien qed jahfer lill-imputat u mhux interessat fil-proceduri kriminali u qieghed jirrinunzja ghal dak rininzjabbli.

Il-Qorti segwiet ukoll att rikonciljatorju fl-Awla fejn l-imputat talab skuza lill-vittma u l-vittma accetta dik l-iskuza u anke hadu b'idejn xulxin.

Il-Qorti nnutat ukoll ix-xhieda li nghatat mix-xhieda mill-Prosekuzzjoni, l-aktar pulizija fejn sa mill-bidu nett meta arrestaw lill-imputat, huwa qallhom li ser jikkopera maghhom, hadhom fuq il-post fejn kien heba l-oggetti misruqa u talabhom l-ghajnuna minhabba l-problema kbira li ghandu minhabba l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti in vista ta' dan u tal-karba tal-imputat ghall-ghajnuna, ma tistax ma tatix kaz u tara kif tghin lill-imputat billi jinaghta l-ghajnuna li jkun jaqbel kemm ghalih u kif ukoll ghas-socjeta in generali li dan jirrijaliblita ruhu mill-vizzju li ghandu.

Minhabba cirkostanzi specjali, l-Qorti thoss illi f'dan il-kaz ghandha tapplika l-Artikolu 21 u Artikolu 579(2) u filwaqt li ssibu hati tat-tieni akkuza li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provvizjorja, filwaqt li tordna l-arrest tieghu b'mod immedjat, mhux ser tikkonfiska d-depozitu u l-garanzija personali.

**DECIDE:**

Il-Qroti wara li rat l-Artikoli 267, 270, 271(g), 21, 579(2) u 412(d) issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tikkundanna lill-imputat sena prigunerija u tordna li jitlef il-helsien mill-arrest ghaliex kiser kundizzjonijiet imposti fuqu fil-21 ta' Mejju 2018 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri.

*Inoltre,* ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qiegħda tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l- ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaccja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' trattament bid-digrieti ta' llum stess għandhom jigu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.

___________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**